Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 50/2009

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 50/2009 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Sharon Ellul Bonici**
**(ID 338370M)**

**vs**

**Raymond Bugeja u Ivan Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mir-rikorrenti fit-12 ta' Frar 2009 fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati thallasha s-somma li tigi llikwidata in linea ta' danni ai termini ta'l-artikolu 28 tal-Kap 248 wara li jigi dikjarat li l-istess intimati ingurjaw u malafamaw lir-rikorrenti bl-artikolu intitolat "Labour MEP candidate raises eyebrows in Brussels", ippubblikat f'pagna 3 tal-harga tal-gurnal 'The Times', tas-7 ta' Frar 2009, li tieghu l-intimat Raymond Bugeja huwa l-editur u l-intimat Ivan Camilleri huwa l-awtur, liema artikolu dannuz fih allegazzjonijiet li huma foloz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama tar-rikorrenti u jesponuha ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ipprezentata fid-9 ta' Marzu 2009 fejn laqghu ghall-akkuzi maghmulha fil-konfront taghhom billi eccepew:-

1. Illi m'hemm xejn fl-artikolu ili huwa libelluz, anke jekk ma jigux ippruvati l-fatti kollha msemmija fl-artikolu. Mhux kull zball jew gidba hija malafamanti;

2. Illi l-attrici qieghda toffri l-kandidatura taghha fl-elezzjoni demokratika quddiem il-votanti Maltin u huwa mistenni, jekk mhux necessarju fi process demokratiku, illi jigu diskussi u ippubblikati kummenti ta' kritika tal-veduti taghha politici u partikolarment xi nuqqas ta' konsistenza f'dawn il-veduti minn zmien ghal zmien, kif ukoll spekulazzjoni illi politici ohrajn sabu diffikulta' biex isegwu dina l-inkonsistenza;

3. Illi huwa principju ormai accettat fil-qrati Ewropej u ta' Malta illi l-politici ghandhom jkunu soggetti ghall-opinjonijiet u spekulazzjonijiet da parti tal- gurnalisti u l-pubbliku, u illi dment illi hadd ma jidhol fil-personali, kullhadd ghandu d-dritt illi jiddiskuti u jippubblika u jikkritika l-meritu o meno tal-veduti politici taghhom, specjalment meta jmorru quddiem il-votanti tal-pajjiz u

joffru s-servizzi taghhom, inkella dak il-vot ma jkunx nfurmat.

Rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern ippubblikat fil-harga ta' The Times tas-Sibt 7 ta' Frar 2009 intitolat "*Labour MEP candidate raises eyebrows in Brussels*" u miktub minn Ivan Camilleri.

Rat ix-xhieda ta' **Sharon Ellul Bonici** moghtija viva voce fit-23 ta' Marzu 2009 u fl-1 ta' Dicembru 2010.

Rat ix-xhieda tan-**Nutar Dr Alex Sciberras Trigona** moghtija viva voce fl-24 ta' Gunju 2010 fil-kariga tieghu ta' Segretarju Internazzjonali fi hdan il-Partit Laburista.

Rat ix-xhieda ta' **Kurt Farrugia** moghtija viva voce fl-24 ta' Gunju 2010 fil-kariga tieghu ta' Direttur tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista.

Rat ix-xhieda ta' **Frank Zammit** moghtija viva voce fl-1 ta' Dicembru 2010 fil-kariga tieghu ta' President u membru tal-Kumitat Distrettwali tat-Tielet Distrett.

Rat ili fl-1 ta' Dicembru 2010 ir-rikorrent iddikjarat illi ma kienx fadallha aktar provi x'tipprezenta.

Rat ix-xhieda ta' **Ivan Camileri** moghtija viva voce fis-16 ta' Marzu 2011.

Rat illi fis-16 ta' Marzu 2011 l-intimati ddikjaraw illi ma fadallhomx aktar provi.

Rat illi fl-20 ta' Gunju 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza wara illi l-partijiet ttrattaw il-kaz.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-artikolu meritu tal-kaz in kwistjoni ghandu jitqies fl-isfond tar-realtajiet ta' dak iz-zmien, ossija tal-fatt illi kien hemm l-elezzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropej, liema elezzjoni kienet ser issir f'Mejju tas-sena 2009 u

ghaliha, fost persuni ohra, kienet harget ghall-elezzjoni r-rikorrenti taht il-kappa tal-Partit Laburista.

Illi fl-artikolu ippubblikat mill-intimat Camilleri, l-istess Camilleri jaghmel zewg asserzjonijiet illi ghalihom Ellul Bonici hassitha malafamata, ossija il-fatt illi membri tal-Presidenza tal-Party of European Socialists (PES) ma kienux kuntenti tal-kandidatura tar-rikorrenti u kienu ghaddew kumment dwar dan lill-Partit Laburista, kif ukoll il-fatt illi xi delegati tal-Partit Laburista, specjalment dawk tat-tielet distrett, ikkritikaw il-fatt li l-kandidatura taghha giet accetatta meta fl-elezzjoni generali ta' qabel ma kienetx giet accettata bhala kandidata.

Illi Ellul Bonici, fix-xhieda taghha, stqarret illi ma huwiex veru li l-Presidenza tal-Grupp Socjalisti Ewropej ma kienx laqa b'entuziazmu l-kandidatura taghha, tant illi f'Marzu 2009, kienet attendiet ghal konferenza fejn il-President tal-Grupp, Martin Schultz, wera l-pjacir tieghu ghall-kandidatura taghha u qalilha illi jhares il-quddiem sabiex jahdem maghha. Hija stqarret ukoll illi l-istess Grupp kien ikkummenta lil Camilleri fejn cahad tali allegazzjonijiet, izda Camilleri, fl-artikolu tieghu, qal illi l-Grupp ghazel illi ma jikkummentax. Hija kkonfermat illi kienet ser tesebixxi tali korrispondenza, izda tali korrispondenza qatt ma giet esebita.

Ellul Bonici cahdet kategorikament illi l-Grupp Socjalisti Ewropej kien wera l-oggezzjoni tieghu lill-Partit Laburista. Biex tikkorrobora tali cahda, hija pproduciet bhala xhud lin-Nutar Dr Alex Sciberras Trigona, fil-kwalita tieghu ta' Segretarju Internazzjonali tal-Partit Laburista, li stqarr illi l-Partit Laburista ma rcieva ebda korrispondenza ufficjali b'kummenti negattivi dwar ir-rikorrenti minghand il-Grupp Socjalisti Ewropew. Madanakollu, huwa stqarr illi kull ma jircievi huwa l-korrispondenza ufficjali u ma jrcievi ebda korrispondenza privata li tintbghat minn persuni lill-Partit Laburista.

Ir-rikorrent ipproduciet ukoll lil Kurt Farrugia, fil-kariga tieghu ta' Direttur tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista. Huwa stqarr li huwa jigi kkonsultat mill-Grupp Socjalisti

Ewropej kull meta ikun hemm xi korrispondenza maghhom minn xi membru tal-media f'Malta, u dana sabiex ikun jista jaghtihom l-isfond tal-kwistjoni relatata mad-domanda maghmulha u biex jaghti l-posizzjoni tal-Partit Laburista. Huwa zied illi kien jaf illi l-intimat Camilleri kien kiteb lid-Direttur tal-Komunikazzjoni tal-Grupp, Tony Robinson, wara li gie ppubblikat l-artikolu meritu tal-kaz odjern, sabiex jindaga jekk attwalment r-rikorrent kienet ltaqatx mal-President tal-grupp Shultz u jekk dana qalilhiex li kien qieghed jawgura li jahdem maghha, u dan peres illi l-istess Robinson kien talab il-Partit Laburista ghall-veduti tieghu, liema veduti inghataw u sussegwentement Robinson kien irrisponda ghad-domanda.

Ellul Bonici stqarret ukoll illi ma kienx minnu illi l-kandidatura taghha kienet giet kritikata minn xi delegati tal-Partit Laburista, specjalment dawk tat-tielet distrett u kienet f'pusizzjoni illi tipproduci affidavits tad-delegati sabiex turi dan. Ghal dan il-ghan ipproduciet bhala xhud lil Frank Zammit illi qabel l-elezzjoni tal-MEP's ta’ l-2009 huwa kien President u membru tal-Kumitat Distrettwali tat-Tielet distrett li stqarr illi, ghalkemm huwa ma kienx jippermetti illi l-kumitat jiffavorixxi kandidat minn iehor, ma kien tressaq ebda ilment quddiem il-Kumitat dwar xi kandidat, fosthom ir-rikorrenti. Huwa stqarr ukoll illi huwa dahal fil-kumitat fis-sena 2004, wara l-elezzjoni generali ta’ l-2003, u zied illi, ghalkemm ma kienx fil-Partit Laburista fl-2003, huwa kien sar jaf li l-Partit Laburista ma kienx accetta l-kandidatura tar-rikorrenti ghall-MEP fis-sena 2003.

Ellul Bonici xehdet ukoll dwar l-involviment politika taghha u stqarret illi fis- sena 2000 hija kienet il-Public Relations Officer tal-grupp maghruf bhala Campaign for National Independence (CNI) li kien qed jipprova jeduka lill-poplu Malti dwar id-decizjoni irrimedjabbli illi kien ser jiehu meta jaqbel li jidhol fl-Unjoni Europeja, haga illi s-CNI kienet kontra. Hija stqarret ukoll illi hija kienet ukoll membru fundatur tal-grupp 'No to EU' li kien gie ffurmat biex iwassal il-messagg li Malta ma kellhiex tidhol fl-Unjoni

Europeja u dana in vista tar-Referendum illi kien ser isir fis-sena 2004.

Ellul Bonici kompliet tghid li, wara illi sar ir-Referendum fis-sena 2004, hija marret tahdem Brussels u hemmhekk dahhlet mal-grupp maghruf bhala 'Independence and Democracy Group', illi huma maghrufin bhala euro-realists u euro-sceptics.

Dwar l-involviment fil-kamp politiku lokali, Ellul Bonici stqarret illi hija fl-2003 kienet kandidata fuq it-tieni u r-raba distrett. Fis-sena 2008, imbaghad, kemm in vista tax-xoghol taghha gewwa Brussels kif ukoll in vista tal-fatt illi hija ma kienetx qed taqbel mal-posizzjoni li ittiehdet mill-Partit Laburista dak iz-zmien, hija ghazlet illi ma tikkandidax ruhha.

Ellul Bonici imbaghad tistqarr li hija hassitha malafamata bl-artikolu peress illi ma huwiex minnu li hija a 'self confessed euro sceptic' izda, kif stqarret hija stess, hija tikkonsidra lilha nnifisha bhala 'euro realist', fis-sens illi hija tghid fejn l-Unjoni Ewropeja hija tajba u tghid fejn ghandhom jittrangaw certi affarjiet. Hija ziedet tghid illi ghalkemm kienet qed thares lejn id-dhul ta' Malta fl-Ewropa b'mod negattiv, hija tistqarr li kellha dritt tesprimi l-opinjoni taghha u tghid li issa, la darba ittiehdet decizjoni, ghalkemm hi tibqa temmen li kien ikun ahjar kieku Malta ma dahhlietx fl-Ewropa, hija trid tirranga dak li huwa possibbli. Ghalhekk, hija stqarret, hija lesta li taccetta opinjonijiet ta' nies u li dawn jistghu ma jkunux precizi, izda m’hijiex lesta li jinghaddu gideb intizi biex ihammgu l-karattru taghha.

Ivan Camilleri, minn naha tieghu, jistqarr illi huwa kien korrispondent tat-Times gewwa Brussels u minn hemm sorsi qalulu li kien hemm kwistjoni dwar il-kandidatura tar-rikorrenti bhala kandidata ghall-elezzjonijiet ewropej. Huwa stqarr li meta kien qieghed jaghmel l-istorja, huwa ghamel domandi dwar dak li qaluli s-sorsi lir-rapprezentant tal-Group Socjalista Europew, Armin Matchmer, u dana ma riedx jikkummenta dwar il-kandidatura tar-rikorrenti. Huwa anke ikkomunika mal-

kelliem ewlieni tal-grupp euro skettici, Gawey Towler, u dana ikkonferma illi r-rikorrenti kienet impjegata mal-grupp bhala konsulenta, kif kien ir-ragel taghha wkoll.

Huwa kompla jghid li kien baghat domandi lir-rikorrenti, liema domandi gew risposti minnha u huwa eventwalment irriproduca dak li qalet hi. Zied jghid ukoll illi kien gie avvicinat ukoll minn xi delegati tal-Partit Laburista illi wrew it-thassib taghhom lejn il-fatt illi r-rikorrenti kienet qed tithalla tikkontesta ghal MEP wara illi ma kienetx thalliet ghad-darba ta' qabel.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tibda biex tinnota li

"*skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici, il-limiti tal-kummenti huma wiesghin però hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragionevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjetà in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fundament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici. Illi konsistenti ma' dan il-principju jsegwi li kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi*" - **Reverendu Joe Borg v. Felix Agius**, Citaz. Nru. 1576/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 2003

Minn dan il-principju jidher car illi hemm zewg elementi x'wiehed jikkonsidra:

(i) id-dritt u d-dmir ta' rappurtagg dwar materja li tiggenera interess pubbliku; u

(ii) id-dritt ta' kulhadd, figura pubblika o meno, li r-reputazzjoni tieghu tigi rispettata.

Ghalhekk kontra dak pretiz mir-rikorrenti, jekk persuna privata tispikka fil-kuntest ta' materja ta' interess pubbliku, bi kliem jew agir da parte taghha, hi tista' tkun suggett ta' kumment u kritika. Fejn imbaghad tkun involuta persuna pubblika, il-limiti tal-kummenti u kritika huma iktar wesghin.

Imbaghad hemm element iehor li huwa fondamentali sabiex kumment u kritika fil-konfront ta' persuna – pubblika jew privata – ma jitqiesx li jkun malafamanti w ingurjuz fil-konfront taghha, u cioè li jkun ibbazat fuq fatti sostanzjalment veri. Jekk il-veracità, imqar sostanzjali, tal-fatti ma tigix ippruvata l-iskuzanti tal-fair comment u value judgement ma tregix.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fil-gurisprudenza varja in materja:

"*biex id-divulgazzjoni bi kwalsiasi mod ta' informazzjoni titqies ezercizzju lecitu tad-dritt liberu ta' l-espressjoni jridu jikkonkorru s-segwenti kondizzjonijiet:- (a) il-verità oggettiva tal-fatti esposti basta li din tkun ir-rizultat ta' ricerka diligenti u serja dwar fatti fil-kompletezza taghhom; (b) l-interess tal-pubbliku li jinghata gharfien tal-fatti; (c) l-korrettezza jew kontinenza ta' l-espressjoni tal-fatti. Dan fis-sens illi din tkun tissodisfa l-interess generali tal-konoxxenza tal-fatti determinati ottenuti wara indagini orjentata li taghraf dak li hu ta' rilevanza. Meta allura l-kliem attribwit li ntqal mill-attur, jew il-fatti rakkontati fir-rigward tieghu, ma jigux ipprovat ghal dik li hi veracità dan indubbjament inaqqas il-gieh u l-istima f'ghajnejn il-pubbliku in generali.*" - **Joseph R. Darmanin v. Gino Cauchi et**, Appell Civili Nru. 298/02, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2004

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Degiovanni et noe v. Mark Lombardo et**, Appell Civili Nru. 966/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 Novembru 2003, gie

osservat illi jinsab opinat mill-Gatley “On Libel and Slander”, Seventh Edition, para 719:

*“A writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist the defence of fair comment must fail”.*

Ghalhekk, ghall-iskop ta' l-iskriminanti tal-fair comment, huwa necessarju li l-istampat ikun jikkontjeni mhux il-verità oggettiva tal-fatti izda wkoll il-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni taghhom. Huwa necessarju ghalhekk illi qabel il-pubblikazzjoni, l-fonti ta' l-istess fatti tigi diligentement varjata ghall-fini ta' l-attendibilità taghhom. Tali presupposti, tista' tghid, huma regolarment accettati mill-Qrati taghna kif ukoll Qrati ohra ta' pajjizi ohra li generalment jigu segwiti mill-Qrati taghna.

F' dik Ingliza jinghad illi;

*“to succeed in a defence of fair comment the words complained of must be shown to be (i) comment; (ii) fair comment; and (iii) fair comment on some matter of public interest”* (Gatley, op.cit. para. 704).

Dana japplika wkoll fis-sistema guridika Taljana skond decizjoni tal-Qorti tal-Cassazione tal-25 ta' Mejju 2000, Numru 6877, jehtiegu wkoll tliet elementi precizi, u cioe, li

*“(i) i fatti esposti sono veri, (ii) vi è un interesse pubblico alla conoscenza del fatto; u (iii) vi sia correttezza formale dell'esposizione che non travilichi lo scopo informativo”.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Degiovanni et noe v. Mark Lombardo et**, Appell Civili Nru. 966/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 Novembru 2003, inghad illi:

*"huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-libertà ta' l-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inaljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu, bil-*

*mezzi legali kollha disponibbli … kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, però tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni ta' l-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri. Illi infatti fis-sentenza "Onor. Charles Buhagiar v. Ray Bugeja" (P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996) inghad li: "Il-linja medjana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti". Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "comment" hija wahda illum stabbilita fil-gurisprudenza taghna. "F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha ssir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi d-difiza tal-verità tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-"comment" biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide" u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru" ("Reginald Miller v. Harold Scory" – XXXVI.iv.843). Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-"fair comment" "jekk ma jigux ippruvat sodisfacentement il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' ("Anglu Camilleri v. Anthony Zammit, Vol. XI.IV.1195; "Dr. Joseph M. Ciappara v. Joseph Zammit" JSP, Citaz. Nru. 929/90 – 3 ta' Ottubru 1991). Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali u ordinarju taghho, u dan ifisser "in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them", dan jista' jinkludi "an implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*". ("Jones v. Skelton" (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C)).

Minn naha l-ohra, fis-sentenza fl-ismijiet **Etienne Bonello DuPuis noe v. Alfred Grixti**, Appell Civili Nru. 778/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Dicembru 2003, saret referenza ghas-sentenza Lino

Debono v. Saviour Balzan, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 2001, biex mill-gdid jigu puntwalizzati l-principji regolaturi w applikabbli:

*id-dritt ta' kritika ma ghandux jissarraf f'licenzja da parti ta' min jaghmel il-kritika li jaddebita fatti li ma jkunux sostanzjlament veri u korretti. Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jezimi ruhu minn kull responsabilità, jkun f'posizzjoni illi jipprova li tali malafama fil-forma ta' kumment kritiku kienet tirreferi ghal u tkun marbuta ma' fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-prova f'dan ir-rigward tal-verità tal-fatti ma setghetx allura tkun incerta jew approssimattiva ghax altrimenti ma tohloq xejn hlief innuendo u dubbju. … Il-gurisprudenza ewropeja ma abbandunatx il-massima sagramentali li l-fatti huma sagri u l-kummenti huma veri. Jekk xejn illustrathom sal-punt illi tezigi biss illi l-fatti jkunu sostanzjalment veri filwaqt li estendenti u ghadha qed testendi l-parametri tal-limiti tal-kumment specjalment fil-konfront ta' persuni fil-hajja pubblika u f'materji ta' interess pubbliku anke lil hinn sewwwa minn dak li kien qabel accettat bhala legittimu … trid biss tafferma l-principju illi l-libertà ta' l-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurja b'addebiti ta' fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrità ta' haddiehor u pubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika … f'cirkustanzi konsimili, id-difiza tal-kumment gust tisfuma ghax kif inhu logiku "the defence of fair comment does not extend to cover mis-statement of facts, however 'bona fide'.*

Fir-rigward tal-value judgement, ossia opinjoni, u kif tali value judgement jiddistingwi ruhu minn fair comment, fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Attard et noe v. Felix Agius**, Citaz. Nru. 851/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2001, inghad illi:

*"hemm differenza f'li tghid li persuna jew gazzetta hi biased favur xi hadd (ghax thoss li ghandha taghmel hekk), u li tghid li din qed tigi manipulata minn xi haddiehor. Fl-ewwel kaz hija kwistjoni ta' opinjoni u wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx maghha, izda meta tghid li persuna jew gazzetta qed tigi manipulata dan huwa statement of fact u mhux value judgement u*

*ghalhekk dan il-fatt irid ikun veru u jrid jigi pruvat bhala tali biex wiehed ikun jista' jigbed il-konkluzzjonijiet tieghu fuqu."*

Imbghad, dwar il-mod kif ghandu jitmexxa l-gurnalizmu, fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Galea vs Joe Mifsud** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Frar 2012, intqal illi

"*Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampia protezzjoni f'socjeta` demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist, xorta jibqghalu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat. Fil-fatt, fil-kawza Aquilina noe v. L-Avukat Generali et, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja inkwistjoni: "Fil-kawza Galea v. Mifsud, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu investigattiv ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez. Victor Pace v. Joe Azzopardi et, Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)). Dan kollu pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih*."

**Ikkunsidrat**

Illi mill-fatti kollha fuq indikati, jirrizulta illi fil-mument illi nkiteb tali artikolu, kienet ghaddejja il-kampanja elettorali tal-MEP tas-sena 2009, u fosthom ir-rikorrenti kienet kandidata sabiex tirrapprezenta lill-Maltin gewwa l-Parlament Ewropew gewwa Brussel, u dana taht il-kappa tal-Partit Laburista.

Illi jirrizulta wkoll ben ippruvat illi r-rikorrenti, qabel ma Malta dahhlet fl-Unjoni Ewropeja, kienet kontra d-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja u, meta eventwalment dahhlet fl-Ewropa, l-istess rikorrent dahhlet ma grupp politiku, maghruf bhala Independent and Democracy Group.

Illi r-rikorrent tishaq illi hija ma hijiex *euro sceptic*, izda hija *euro realist*, u ghalhekk huwa zbaljat illi tigi indikata bhala euro sceptic. Il-Qorti, madanakollu, filwaqt illi tifhem u tapprezza t-twemmin tar-rikorrenti, thoss illi la darba hija affiljat ruhha mal-grupp Independent and Democracy Group, hija certament abbinat isimha ma grupp ta' persuni illi m’humiex qed jablu mal-kuncett ta’ l-Ewropa kif inhi bhalissa, u certament il-qarrejj normali m’huwiex ser joqghod jaghmel distinzjoni bejn jekk hijiex *euro sceptic* jew *euro realist*, peress illi tali huwa biss loghob bil-kliem, ghax il-bazi jibqa dejjem l-istess - ma jaqblux ma’ l-Ewropa kif inhi maghmulha!

Illi ghalhekk, l-kummenti kollha illi saru mill-intimati, fl-ambitu tal-kuntrast li certament ir-rikorrenti kienet qieghda fih meta harget ghall-elezzjoni tal-parlament illi hija kienet kontrih in principju, huma certament kummenti illi wiehed jista jifhem u japprezza, f'socjeta demokratika li thaddan il-principji tal- liberta ta' l-espressjoni.

Dwar l-allegazzjoni illi persuni fit-tielet distrett ma' kienux kuntenti bil-fatt illi hija kienet qed tikkontesta l-elezzjoni tal-MEP ta’ l-2009, jinghad illi, ghalkemm hija pproduciet bhala xhud lil Frank Zammit, ix-xhieda tieghu ma kienetx daqstant ta ghajnuna, peress illi huwa seta biss jixhed dwar kummenti ufficjali, izda certament ma seta qatt jitkellem dwar kummenti ohra illi setghu saru fil-privat.

Dana, abbinat mal-fatt illi r-rikorrent, fl-ewwel elezzjoni ghall-MEP fl-2004, ma kienetx giet accettata bhala kandidata tal-Partit Laburista, certament iwassal biex kumment bhal dak ta’ l-intimat ghandu jitqies bhala kumment gust u accettabbli peress illi hija probabbli hafna li tali opposizzjoni kienet attwalment ezistenti, kif jghid l-intimat Camilleri.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti.

Wara illi rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi;

Tilqa l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimati u;

Tichad t-talba attrici.

Spejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------